Minuti tal-Laqgħa Nru. 53 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 31 ta' Awwissu 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Scicluna<br>Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Assenti | Dr. Frank Psaila |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kumitat Amministrattiv
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Attivita Kulturali
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk kienx hemm ċertifikazzjoni tax-xogħolijiet ta resurfacing li saru mill-kuntrattur. Is-Sindku wieġeb li dik il-ġimgħa ġew tal-Laboratorju biex jieħdu aktar samples, peress li ma kellhomx biżejjed materjal biex jagħmlu t-testijiet.

2.2 L-istess Kunsillier semma li mix-xogħol li sar kien hemm tappiera fejn il-Każin li kienet sfrundat minħabba li ma kienx sar xogħol tajjeb. Is-Sindku wieġeb li din kienet ħaġa oħra u ma kellix x' taqsam mat-testijiet li kellhom isiru.

2.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk kinitx saret sticker tal-vann bl arma tal-Kunsill. IS-Segretarju wieġeb li huwa kien ġab kwotazzjonijiet fuq din u se jagħmel l-isticker dalwaqt.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku tkellem fuq is-sistema tal-Kumitat Konġunt li kienet tieħu ħsieb taċ-ċitazzjonijiet. Huwa semma li b' effet min għada 1 ta' Settembru, din is-sistema se taqa' taħt ir-responsabilta tar-Reġjun. Huwa semma li bħala Kunsilli se jibqgħu jieħdu l-ħlasijiet sa Diċembru. Il-ħlasijiet tal-Gwardjani Lokali se jitħallsu mir-Reġjun.

3.2 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk bħala Kunsill hux se nibqgħu nieħdu parti mill-ammont li kien jinġabar miċ-ċitazzjonijiet. Is-Sindku wieġeb li din mhux se tkun u li din kienet riforma li għaddiet lir-Reġjun.

3.3 Tressqet mistoqsija dwar jekk hux se jsiru road humps fi Triq Ħal Tarxien. Huwa semma li diġa kien hemm applikazzjoni lil TM biex din issir imma kienet twaqqfet. Il-Kunsillier Caruana semma li dawk il-karozzi li jkunu għaddejjin two ways min din it-triq għandhom riskju li jħokku ma xulxin u tkun idea tajba jekk jitneħħa l-parking ta ġenb minhom. Fuq din il-problema is-Sindku ssuġġerrixxa biex jitnaqqas il-parkeġġ, ssir applikazzjoni għal residential parking. Il-Kunsillier Piscopo semma li huwa wkoll konxju tal-problema u biex issiru road humps. Huwa qal li kien tkellem ma TM stess fuq din. Is-Sindku semma li huwa kellu meeting ma uffiċċjali ta TM fejn tkellem magħhom fuq il-każ. Huwa semma li fil-meeting li kellu anki tkellmu fuq il-kwistjoni ta Triq il-Ġdida, fejn se jsiru zebra crosses. Kien hemm ukoll ilment li fejn hemm il-kumpanija Miller qed ikun hemm ħafna vetturi tal-ġarr li qed ikunu ta periklu għal min jgaħaddi min hemm. Is-Sindku semma li fuq din għandu jinkiteb lil Miller biex juża l-parkeġġ li għandu ġewwa.

3.4 Il-Kunsillier Caruana semma li qed ikun hemm problema fi Triq Sant' Andrija peress li qed ikun hemm diversi taxis isuqu bi speed eċċessiv. Is-Sindku wieġeb li fuq dil-problema huwa kien diġa kellem lil Pulizija u lill-Ispettur biex joqogħdu għassa u ma jħallux din tiġri. Huwa qal li kemm il-darba kellem lil Pulizija u qed jagħmel pressjoni kontinwa biex ikun hemm aktar sorveljanza.

3.5 Is-Sindku stqarr li fuq il-kwistjoni tal-Arriva huwa kellu korrispondenza ma rappreżentanti tal-Arriva fuq il-problemi li kienu qed iressqu r-residenti sa mill-bidu li beda jopera dan is-servizz. Fost il-problemi li ssemmew kien hemm dik rigward il-bżonn ta karozza li tgħaddi miċ-Ċentru tar-raħal, karozza li tmur direttament lejn Mater Dei u bżonn ta bus shelters ġodda. Dawn il-kwistjonijiet is-Sindku ressaqhom lil min hu konċernat, kif ukoll lis-Sur. Delia tas-Segretarjat tal-Ministeru konċernat. Mir-risposti li ngħatajna s-Sindku kien infurmat bil-kitba li l-karozza li bħalissa kienet qed tiġi mill-Belt lejn Ħal Luqa, kienet se tibda tgħaddi miċ-Ċentru. Huwa semma li fil-korrispondenza li kellu kienet tgħid li din il-bidla se tibda mill-11 ta' Settembru. Is-Sindku semma wkoll li kien għad fadal pendenti il-kwistjoni biex ikun hemm karozza li tmur direttament minn Ħal Luqa għal Mater Dei, imma anki fuq din se tittieħed azzjoni u fil-viċin. Dwar stages ġodda se jkun hemm site plans li se jitressqu lil min hu konċernat u jkun hemm installazjonijiet tagħhom. Is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill kien minn tal-bidu li rnexxilu jġib dak li kienu qed jitolbu r-residenti.

3.6 Il-Kunsillier Caruana semma li kien avviċinat min Robert tal-Istationery li kien qed jonqsu l-bejgħ minħabba li fit-triq fejn huwa kien jisntab ma setgħux jieqfu karozzi. Is-Sindku semma li Robert stess kien qed juża l-parking li kellu riservat kien qed jużah biex jipparkja huwa stess. Kien hemm suġġeriment għalhekk biex il-kantuniera fejn jinsab, isir unloading bay u jitneħħa r-reserved parking li hemm quddiem il-Bank bħalissa.

3.7 Is-Segretarju ressaq l-applikazzjoni tal-MEPA li daħlu mix-xahar ta' qabel sa dakinhar tal-Laqgħa.

## 4.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV

4.1 Is-Segretarju semma li se ssir attivita għal okkażżjoni tal-festa ta' Ħal Farruġ. Fiha din l-attivita se jkun hemm wirja ta' karozzi Ford u anki kien hemm magħżula persuna biex tingħata għal ewwel darba biex tingħata Ġieħ Ħal Farruġ.

## 5.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsillier Caruana qal li l-ħlasijiet li kien qed jitlob il-kuntrattur li ħadem fuq ix-xogħol tal-bankini kien għoli. Huwa semma wkoll li anki kien qed jitlob għal ħlasijiet ta xogħol li kien jinstab fi Triq San Pawl meta dan ma kienx hemm.

5.2 Is-Segretarju semma li fi Triq San Pawl kienu saru żewġ sqaqien bi stamp crete u li l-invoice kienet fuq dawn. Il-Kunsillier Caruana talab biex jara l-invoices li kien bagħat il-kuntrattur lill-Kunsill fuq ix-xogħol.

5.3 Favur il-pagamenti kien hemm is-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsilliera Massa u Camilleri, filwaqt li l-Kunsillier Caruana kien kontra l-iskeda tal-pagamenti.

## 6.0 ATTIVITA KULTURALI

6.1 Il-Viċi Sindku semma li se ssir attivita kulturali fl-24 ta' Settembru li fiha se jkun ħanżir imsajjar. Se jkun hemm ukoll għana, mużika u varjeta. Il-Viċi Sindku ssuġġerrixxa biex għal din l-attivita jinġabru xi ħaġa tal-flus li biha tista tagħmel tajjeb anki għal attivita. Waqt il-laqgħa kien hemm bosta suġġerimenti dwar kif għandu jisajjar l-majjal u jiġi servut.

6.2 Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixxa biex il-flus li se jinġbaru waqt din l-attivita jingħataw bħala donazzjoni lid-Dar tal-Providenza. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u kien hemm suġġeriment biex tinkiteb ittra lid-Direttur tad-Dar tal-Providenza.

6.3 Is-Sindku ssuġġerrixxa biex waqt il-laqgħa tas-Sotto Kumitat li se ssir, dawk il-Kunsilliera li jixtiequ jgħaddu suġġerrimenti jgħadduhom.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa giet fi tmiemha L-Erbgħa 31 ta' Awwissu 2011, fis-6.40 p.m. Ma kienx hemm ġurnata proposta għal laqgħa ta' Settembru.

Konfermati llum ______________________ 2011.

______________________ ______________________

John Schembri — Sindku

Michael Portelli — Segretarju Eżekuttiv